PR202548

**11/12/2020**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara li saret analiżi fuq konsenji ta' ġunġlien, l-imsemmijin prodotti m'għandhomx jiġu kkunsmati minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni b' pestiċida (Ethlyene oxide) fil-ġunġlien li jinstab fl-istess prodotti.

F'dawn l-aħħar ġimgħat nstab li l-kimika *ethylene oxide* setgħat kienet qed tintuża biex tikkontrolla xi mikrobi fil-ġunġlien esportat mill-Indja. Madankollu, l-użu ta' *ethylene oxide* mhux approvat.

| | |
|---|---|
| Prodott 1: | Qagħaq tal-ġunġlien |
| Ditta: | Brinc's |
| Lott: | Lottijiet kollha sa L20323 |
| Data tad-durabbilità: | Id-Dati kollha sa 18-12-20 |
| Prodott 2: | Ottini |
| Ditta: | Brinc's |
| Lottijiet u Data tad-durabbilita : | Numru 20231 bi Data 14-2-21 sa Numru 20325 bi Data 19-5-21 |

Għal aktar informazzjoni,l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.



